VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,037, 26 ta' Frar, 2013
Taqsima B

A.L. 78 tal-2013

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Regolamenti tal-2013 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Ilma mit-Tniġġis Kaġunat b'Nitrati Ġejjin mill-Biedja

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 61 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Ministru għat-Turiżmu, l-Ambjent u l-Kultura, bi qbil mal-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali u wara konsultazzjoni maċ-*Chairman* tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu r-Regolamenti tal-2013 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Ilma mit-Tniġġis Kaġunat b'Nitrati Ġejjin mill-Biedja, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Ilma mit-Tniġġis Kaġunat b'Nitrati Ġejjin mill-Biedja, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħin "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 504. 43

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara s-subregolament (7) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(8) Il-Programm ta' Azzjoni dwar in-Nitrati, kif emendat minn żmien għal żmien, għandu jiġi ppubblikat fil-Gazzetta.".